# Il-ħsieb jiżfen

Ma tafx fejn jaqbad imur
Jaf jobgħodx jew fin-namur.

U ma noħodlux kopja
Jaf jiskot jew jirbombja.

Il-ħsieb kemm jaf jidħak bik
Daqqa jferħek jew jgħallik.

Ara taħseb l'int rebbieħ
Miegħu taf tkun it-tellief.

Il-ħsieb kemm jaf jinbidel
Filli ħiemed jew jiżbel.

Maż-żmien ikollu t-tiswija,
Bix-xejn jgħidlek ħmerija.

Meta jmut u jispiċċa
F'postu jitqiegħed, f'niċċa.

Hemm, iħares, ċass għall-kwiet,
Meta jinfetaħ il-ktieb.

Jekk ikun iffurtunat
Jagħmluh onlajn ixxamplat.

Tista' miegħu ma taqbilx,
Jekk hu tqil lilu tqandilx.

Jekk ħafif agħtih ir-riħ,
Għandek se jiġi, stennieh.

B'hekk il-ktieb jiżfen żifna
Jgħix ħajtu flok id-difna.

Fra Mario Attard OFM Cap
28 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen